# Ittra Pastorali ta' Mons. Pietru Pace - Arċisqof ta' Rodi, u Isqof ta' Malta

Lill-aħwa meqjuma u wliedna l-iktar għeżież fil-Mulej, Kapitlu, Kleru u Poplu , Sliema u Barka.

Il-bogħod tan-naħa ta' Marsaxlokk mill-Knisja Parrokkjali taż-Zejtun, u għalhekk id-diffikulta' ta' l-iskomdu tan-nies ta' hemmhekk biex imorru f'din il-Knisja Parrokkjali, biex jassistu għall-funzjonijiet sagri u jwettqu dmirijiethom religjużi, id-diffikulta' għall-amministrazzjoni ta' malajr tas-Sagramenti, ġibdu l-attenzjoni tagħna b'mod speċjali, u ħassejnih li kien dmir tal-ministru pastorali tagħna li nieħdu ħsieb bla telf ta' żmien. Hu għalhekk li ħadna ħsieb malajr permess ta' l-offerti tal-fidili, li tinbena hemmhekk knisja, li mbierka solennament fil-25 ta' Settembru, 1892, iddedikajniha lil Alla, taħt it-titlu tal-Vergni Santissima tar-Rużarju, imsejħa ta' Pompej, u wara li ksibna l-kunsens meħtieġ tal-Wisq Rev. Arċipriet Kappillan taż-Zejtun, li lejh dik in-naħa kienet soġġetta, b'digriet tagħna tas-27 ta' l-istess xahar, innominajna Viċendarju, waqt li żammejna d-dritt li meta jkun il-waqt, naqtgħu mill-Knisja matriċi l-Knisja l-ġdida u naħtruha Parroċċa.

Wara li qabbadna perit iħejji pjanta apposta, u ddeterminajna l-limiti tal-Parroċċa l-ġdida, kif jidher mill-proċess dwar dan lil jinsab fil-Kurja Vestovali tagħna, b'diġriet tal-11 ta' Jannar ta' din is-sena. waqt li semmejna u erezzjoni relattiva, u għall-mument ħtarna bħala Vigarju Kurat lir-Rev. Saċerdot Salvatore Delia biex imexxiha u jigvernha sakemm ikollha l-ewwel Kappillan tagħha. Waqt li qed ngħarrfukom lilkom ilkoll, l-iktar għeżież Ħutna u wliedna f'Gesu Kristu, nordnaw b'dan l-editt, lil lkoll għandhom jagħrfu bħala mwaqqfa kanonikament il-Parroċċa tan-Naħa ta' Marsaxlokk, u l-fidili li joqogħdu fil-limiti li assenjajna meħlusin minn kull dipendenza lejn il-Kappillan antik tagħhom, l-Arċipriet tal-Knisja Parrokkjali u Matriċi ta' S.Katerina V.M. taż-Zejtun, għandhom għalhekk minn issa 'l quddiem, nagħrfu bħala l-Vigarju Kurat tagħhom l-fuq imsemmi Rev. Salvatore Delia, u juru lejh ubbidjenza, u jwettqu d-dmirijiet l-oħrajn kollha bħala parruċċani lejn ir-Ragħaj tagħhom.

Il-Madonna Santissima tar-Rużarju ta' Pompej, li taħt il-ħarsien tagħha qegħdna l-Parroċċa l-ġdida, tħares b'imħabba dik in-naħa devota lejha, u fl-istess ħin id-djoċesi tagħna kollha.

Aħna sadanittant bil-qalb kollha nagħtu lilkom ilkoll, Ħutna u Wliedna l-iktar għeżież, il-Barka tagħna Pastorali.

Mogħti mill-Palazz Arċiveskovali tal-Belt Valletta, il-lum 23 ta' Frar, 1897.

**Pietru Pace**
**Arċisqof ta'Rodi u Isqof ta' Malta.**

***Min jisma' lilkom, jisma' lili.***
***Ġesu'***